**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 05 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 16/2018 AF**

**Emmanuele Spagnol**

**vs**

**Avukat Generali**

**u**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emmanuele Spagnol, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F'dawn il-gzejjer, bejn Mejju 2010 u Frar 2011, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, irrenda ruhu komplici fl-atti illi bihom l-awtur jew awturi tad-delitt, uzaw xi energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, sew direttament jew indirettament, ghal ghanijiet diversi minn dawk li ghalihom kienu provduti.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, irrenda ruhu komplici fl-atti illi bihom l-awtur jew awturi tad-delitt, approprjaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioè, ghamlu approprjazzjoni bla jedd ta' energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, liema energija elettrika, stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2008, tlabt, ircevejt jew accettajt xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-Titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Frar 2008 u Settembru 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu precedenti.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi perusna jew iggib utli.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Marzu 2008 u Ottubru 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

U aktar talli f'Hal Farrug, limiti ta' Hal-Luqa, f'Ottubru 2009, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficcjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza taghha ta' nhar is-7 ta' Jannar tas-sena 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Gie finalment gentilment mitlub sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lir-rikorrenti ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar tas-sena 2018 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ir-rikorrenti ghamel talba verbali fejn wara li saret referenza ghas-sentenza mghotija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-27 ta' Gunju tas-sena 2017, fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Aldo Pistella, talab li ssir Referenza Kostituzzjonali minhabba l-fatt li l-istqarrijiet rrilaxxati mir-rikorrenti ittiehdu minghajr id-dritt li huwa jkun assistit waqt l-interrogazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Bi provvediment datat 26 ta' Jannar tas-sena 2018, l-istess Onorabbli Qorti qieset it-talba tar-rikorrenti bhala wahda vessatorja u konsegwentement cahdet l-istess talba.

Minn ezami tal-process kriminali intrapriz mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tar-rikorrent jirrizulta illi l-fatt li r-rikorrent ma kellux id-dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tal-istess rikorrent kif tutelat mill-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali tieghu u dan kif ser jigi spjegat:

L-esponent gie arrestat in konnessjoni ma' allegazzjoni li huwa kien hedded, sahansitra b'arma tan-nar lil certu Robert Attard, bhala Enforcement Officer tal-MEPA, illum l-Awtorità tal-Ipjannar, sabiex jinfluwenzah fix-xoghol tieghu u johrog numru ta' *compliance certifcates*. Barra minn hekk, ir-rikorrent kien investigat ukoll li ghamel numru ta' falsifikazzjonijiet f'dawn l-istess *compliance certificates*.

Tul l-arrest tieghu, nhar is-16 ta' Marzu tas-sena 2011, ir-rikorrenti rrilaxxa stqarrija fl-ufficcju tal-Ispettur Angelo Gafà wara li huwa kien gie moghti d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat ghal siegha qabel l-interrogatorju, hekk kif kienet vigenti l-ligi qabel l-emendi li dahhlu in sehh b'permezz tal-Att LI tal-2016, liema l-att gie operattiv fit-28 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-A.L. 401 ta' l-2016. Fil-fatt ir-rikorrenti kien ikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu Dr. Michael Sciriha.

F'dan l-istadju, r-rikorrent irrilaxxa stqarrija ta' sitt faccati, liema stqarrija huwa ghazel li jiffirma u li qeghda pprezentata fil-process quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) a fol 78 et seq.

L-ghada, ossia nhar is-17 ta' Marzu tas-sena 2011, hekk kif ir-rikorrent kienu ghadu taht arrest, rega' gie mitkellem mill-istess Spettur fejn din id-darba, lanqas biss inghatalu dritt li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu qabel l-interrogatorju, fejn thejjiet stqarrija ta' tlett faccati, liema stqarrija ma gietx iffirmata mir-rikorrenti.

Nhar is-17 ta' April tas-sena 2011, ir-rikorrent rega' rrikorra

ghand l-Ispettur Gafà, hekk kif kien ordnat lilu b'permezz tal-*Police Bail*, fejn gie moghti d-dritt li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu ghal siegha qabel l-interrogatorju, liema dritt huwa rrifjuta. F'dak il-hin thejjiet stqarrija ta' zewg faccati, liema stqarrija ma gietx iffirmata mill-istess rikorrenti.

Sussegwentement, ir-rikorrent tressaq il-Qorti bl-akkuzi succitati fejn il-prosekuzzjoni qeghda minn naha takkuza lir-rikorrent li huwa ghamel xi arma tan-nar ma' ras l-enforcement officer Robert Attard sabiex igieghlu johrog numru ta' *compliance certificates* li huma rregolari, u fl-istess hin qed takkuzah li ffalsifika xi dokumenti ntavolati l-MEPA sabiex johorgu dawn l-istess *compliance certificates* irregolarment.

Ir-rikorrent minnufih jirrileva li dan il-fatt fih innifsu huwa digà kontradittorju ghall-ahhar u dan stante li f'kaz li verament r-rikorrent kien hedded lill-*enforcement officer*, ma kien ser ikun hemm ebda raguni ghalfejn issir xi forma ta' falsifikazzjoni u l-istess bil-kontra. Madankollu, l-ufficjal prosekutur, tant kemm lanqas huwa stess ma kien konvint x'gara u x'ma garax, li qabad u hareg mizibilju akkuzi li jikkontradixxu lilu nfushom. Akkuzi li r-rikorrent umilment ifakkar li gew guramentati mill-istess ufficjal prosekutur.

Wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, ir-rikorrent ghazel li jitla' jixhed, fejn fil-fatt dan ghamlu f'zewg okkazzjonijiet separati, darba nhar is-6 ta' Novembru tas-sena 2015 u darba nhar it-8 ta' Jannar tas-sena 2016. Dan fil-fatt gara minhabba l-fatt li x-xhieda tar-rikorrent kienet tant twila u ddettaljata, li din inghatat fuq medda ta' zewg seduti.

Tul ix-xhieda tieghu, ir-rikorrent spjega fid-dettal x'kien l-involviment tieghu fl-applikazzjonijiet li kienu jsiru lill-Awtorità u cahad kategorikament kwalunkwe theddid lill-*enforcement officer* Robert Attard jew kwalunkwe involviment f'xi falsifikazzjoni ta' dokumenti.

Nonostanti l-ispjegazzjoni dettaljata tar-rikorrent fuq il-pedana tax-xhieda, il-prosekuzzjoni ghazlet li fl-ebda hin ma tirrinfaccja lir-rikorrent bil-kontenut tal-istqarrijiet sui indikati. Anzi mhux hekk biss, izda talli fit-tieni xhieda tieghu, ir-rikorrent gie

mistoqsi s-segwenti:

*"Dr. Buttigieg: All right, issa inti kien hawn allegazzjoni wkoll li inti ffalsifikajt xi dokumenti?*

*Xhud: Jiena ghandi lanqas naf bihom dawk u huwa assolutament, ara huwa proprjament meta kont, meta arrestani ghax kien arrestani sitta u ghoxrin (260 siegha l-Ispettur Anglu Gafà, L-Ispettur Anglu Gafà tellghani quddiemu xi seba' (7) darbiet dak il-lejl, xi seba' (7) darbiet tellghani hdejh. F'dawn is-seba' (7) darbiet tellghani, seba' (7) darbiet ghamel statement. Jivvinta statement wiehed kontra l-iehor."*

Nonostanti din id-dikjarazzjoni, xorta wahda ma saritlu ebda domanda mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward.

Kif già umilment indikat, fil-mori tal-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, nhar it-12 ta' Jannar tas-sena 2018, saret talba verbali mir-rikorrenti, fejn wara li saret referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-27 ta' Gunju tas-sena 2017 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Aldo Pistallea', ir-rikorrent talab li ssir referenza kostituzzjonali minhabba l-fatt li l-istqarrijiet rrilaxxati minnu, ittiehdu minghajr id-dritt li huwa jkun assistit waqt l-interrogazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, liema talba verbali giet michuda.

Fil-provvediment taghha, l-Onorabbli Qorti kkunsidrat illi l-udjenza waqt liema saret it-talba verbali u l-udjenza ta' qabilha kienu intizi *'ghall-ahhar darba ghall-konkluzjoni provi Difiza u ghat-trattazzjoni finali'*. L-Onorabbli Qorti kompliet tikkunsidra illi r-rikorrent *'pprezenta ruhu b'avukat iehor gdid li assocja ruhu ma' dak precedenti u l-ewwel talab differiment sabiex jiehu konjizzjoni tal-atti u mbghad talab li ssir referenza kostituzzjonali'.*

Bir-rispett dovut lejn l-Onorabbli Qorti, huwa veru li r-rikorrent talab ghal differiment sabiex l-avukat tal-fiducja tieghu jkun jista'

jiehu konjizzjoni tal-atti, izda l-istess Avukat minnufih indika lill-Qorti li kien hemm il-kwistjoni tal-istqarrijiet tar-rikorrent li riedet tigi indirizzata.  Fil-fatt, b'korrettezza lejn l-Onorabbli Qorti, gie indikat li ghalkemm id-direzzjoni moghtija mill-Qrati superjuri hija li tali stqarrijiet huma bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, is-sentenza citata mir-rikorrent fit-talba verbali tieghu ghada fi stadju ta' Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.  Din is-sitwazzjoni ma kienitx l-ewwel darba li tqajjmet quddiem il-Qrati tal-Magistrati, tant li hemm numru konsiderevoli ta' kawzi li huma kollha jistennew id-direzzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali.

madanakollu, ir-rikorrent umilment jissottometti li l-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati li it-talba verbali tieghu kienet wahda vessatorja, hija errata ghall-ahhar.  Dan qieghed jinghad minhabba l-fatt li anki jekk il-Qorti hasset li tali talba forsi saret fi stadju avvanzat tal-proceduri, xorta wahda din it-talba hija konformi mal-ahhar direzzjoni moghtija mill-qrati superjuri.  Ma jistax jinghad li l-fatt li din it-talba saret fi stadju avvanzat, b'xi mod tikkancella d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, ghax dan imur kontra il-pedament tas-sistema legali u gudizzjarja mhaddna mill-Qrati Maltin.  Barra minn hekk, irid jigi umilment indikat ukoll li qabel ingahtat is-sentenza succitata, kien hemm digà decizjoni tal-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello[1], fejn fid-decizjoni taghha, l-Onorabbli Qorti Kriminali ghamlet referenza ghas-sentenza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet Borg v. Malta (Application 37537/13) fejn sehqet illi din is-sentenza:

> *"ma kienitx biss titkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija.  Dik is-sentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjon,i l-persuna susspettata jew akkuzata irid ikollha d-dritt tal-avukat.  Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

---

[1] Datata 9 ta' Mejju tas-sena 2017, Att ta' Akkuza numru 13/2015

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl-istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum."*

Konsegwentement l-Onorabbli Qorti Kriminali iddikjarat l-istqarrija rrilaxxata minghajr id-dritt li l-avukat ikun prezenti waqt l-interrogatorju bhala inammissibbli.

Fuq l-istess binarji, ir-rikorrent umilment isostni li t-tlett stqarrijiet mehuda minghajr id-dritt li huwa jkun assistit mill-avukat tal-fiducja tieghu waqt l-interrogatorju, jikkostitwixxi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tieghu kif tutelat mill-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal- Libertajiet Fondamentali fil-kaz illi l-istqarrijiet rilaxxjati lill-Pulizija Ezekuttiva jkunu prova fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emmanuele Spagnol" pendenti quddiem il-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-mod kif kienet immexxija l-investigazzjoni kontra l-esponenti u tul il-proceduri ta' l-interogazzjoni kontra tieghu inkluz imma mhux limitat ghall-fatt illi huwa ma inghatax id-dritt illi jkun assistit minn avukat kif ukoll illi huwa ma nghatax il-fakultà li jikkonsulta ma' avukat ghall-interrogazzjonijiet sussegwenti l-ewwel interogazzjoni, kienu lezivi tad-dritt ghall-smiegh xieraq tar-rikorrenti.

2. Konsegwentament tiddikjara u tiddeciedi illi gie vjolat id-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (L-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u b'hekk

tagħtih ir-rimedju li jidhrilha xieraq fis-sitwazzjoni, inkluz li tiddikjara l-istqarrijiet tas-16 ta' Marzu tas-sena 2011, tas-17 ta' Marzu tas-sena 2011 u tas-17 ta' April tas-sena 2011 rilaxxat mir-rikorrenti bhala inammissibbli kif ukoll kull rimedju xieraq iehor li din il-Qorti jidrilha xieraq u opportun sabiex jigi salvagwardjat id-dritt fundamentali tar-rikorrenti.

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens minhabba il-vjolazzjoni sofferta mill-istess rikorrenti u dan ai termini ta' l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini ta' l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tikkundanna lill-intimati ihallsu il-kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha eċċepew illi:

Qabel xejn sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, l-esponenti jemmnu li dan huwa ghal kollox bikri peress li l-proceduri kriminali kontrih ghadhom ma nghalqux. Sa issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrenti sejjer jigi zvantaggjat waqt is-smigh kriminali tieghu. Ghal dak li jista' jaghti l-kaz li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta tigi biex tikteb is-sentenza taghha tinjora ghal kollox l-istqarrijiet tieghu u allura l-ilmenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, imutu wahidhom. Tassew f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li proceduri kriminali jigu diskussi u trattati *in vacuo*. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza konsistenti, li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq, kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjonim huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fis-shih tieghu. Bhala regola, biex wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet proceduralі li jigru imma lejn jekk fl-assjem

taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza.

Mzewweg ma' dan, hemm il-fatt l-iehor sew maghruf fid-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali, li azzjoni bhal din ghandha titressaq kemm jista' jkun wara li jintuzaw ir-rimedji ordinarji kollha. F'dan is-sens, ma hemm xejn xi jzomm lir-rikorrenti, li waqt it-trattazzjoni tal-kaz kriminali, jitlob lill-Qorti Kriminali biex fil-gudizzju finali taghha, twarrab jew ma tqisx l-istqarriji in kwistjoni jekk skond hu dawn ittiehdu bi ksur tal-ligi jew b'mod li kienu ta' hsara ghalih. Tabilhaqq mhuwiex xoghol ta' din l-Onorabbli Qorti li toqghod tiddeciedi fuq hwejjeg li jistghu jigu decizi mill-qorti ordinarja kompetenti. Kif inghad f'bosta sentenzi kostituzzjonali, fil-process gudizzjarju penali huwa l-gudikant fil-Qrati Kriminali li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-moderatur tal-proceduri li jizgura mhux biss li jinzamm bilanc bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli ghalihom biex jiddefendu r-rispettivi pozizzjonijiet taghhom, imma huwa wkoll moghti mill-ligi s-setghat u l-mezzi l-ohrajn kollha biex ikun jista' jizgura process gust u xieraq (ara Emmanuel sive Leli Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Dicembru 2000).

Qajla hemm bzonn illi jinghad, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandha tinghata fiducja li sejra twettaq xogholha u taqta' l-kawza skond il-ligi u l-haqq. Halli mbaghad jekk ir-rikorrenti xorta jhoss li l-process ma mexiex skond il-ligi, jressaq l-ilment kostituzzjonali tieghu meta kollox jintemm (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu Martin Dimech vs Malta maqtugha fit-2 ta' April 2015 u Tyrone Fenech u Amanda Agius vs Malta deciza fil-5 ta' Jannar 2016 li incidentalment kienu jmissu ma' ilmenti dwar l-istqarrija). Ta' min jghid ukoll hawnhekk li mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hemm ukoll jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ghalhekk gialadarba l-ilmenti tar-rikorrenti dwar il-kontenut tal-istqarrijiet tieghu jistghu jigu mistharrga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma jinhassx li hemm il-htiega biex ghalissa din l-Onorabbli Qorti tinqeda bis-setghat kostituzzjonali taghha fid-dawl tal-artikolu 46(2) tal-

Kostituzzjoni u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa aktar ghaqli li l-process kriminali jithalla miexi minghajr xkiel ghaliex jista' jkun li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali jekk ikun il-kaz, ir-rikorrent ikun kuntent bl-ezitu tal-proceduri kriminali.

Subordinatament minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponenti jichdu li l-istqarrijiet tar-rikorrent ttiehdu bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ibda biex fiz-zmien meta r-rikorrenti gie interrogat ma kien hemm l-ebda ristrezzjoni sistematika fil-ligi Maltija fejn jidhol il-jedd ghall-assistenza legali. Kemm hu hekk, qabel ma ttiehdu l-ewwel zewg stqarrijiet in kwistjoni r-rikorrenti inghata d-dritt li jiehu parir minn avukat kif jiddisponi l-artikolu 355AT tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fatt jirrizulta li huwa ezercita tali jedd ghaliex kellem avukat qabel ma gie interrogat mill-Pulizija.

F'dan il-kuntest mhuwiex minnu dak li jghid ir-rikorrenti li t-tieni stqarrija tas-17 ta' Marzu 2011 inghatat minghajr ma huwa nghata l-opportunità li jkellem avukat. It-tieni stqarrija kienet biss kontinwazzjoni tal-ewwel wahda u ghalhekk ghat-tieni stqarrija kien ghadu jghodd il-parir legali li kien ha qabel ta l-ewwel stqarrija. F'kull kaz din it-tieni stqarrija giet ikkonfermata mir-rikorrenti fit-tielet stqarrija moghtija minnu xahar aktar tard, wara li huwa nghata l-jedd li jikseb parir legali u r-rikorrenti ghazel li jirrinuzja ghalih.

Tabilhaqq fil-kaz taghna r-rikorrenti ma jistax jghid li huwa dahal ghall-interrogazzjoni fl-ghama jew minghajr gharfien tad-drittijiet tieghu ghaliex bhala stat ta' fatt huwa nghata l-fakultà li jiehu parir minghand avukat tal-ghazla tieghu qabel ma kellmuh il-Pulizija. Ifisser dan li r-rikorrenti kellu l-jedd ghall-konsultazzjoni legali anke fl-istadju li gie qabel ma tressaq il-Qorti u b'hekk huwa kellu kull cans li jhejji ruhu ghall-interrogazzjoni.

Id-dritt tar-rikorrenti li ma jinkriminax ruhu dejjem gie mhares, tant li meta saritlu t-twissija mill-Pulizija, huwa gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket. Hadd ma gieghel lir-rikorrenti

jaghmel xi stqarrijiet, b'dana li jekk ried, huwa seta' ddecieda li ma jaghti l-ebda taghrif lill-Pulizija. Madanakollu darba li r-rikorrenti, wara li ha parir legali fil-kaz tal-ewwel zewg stqarrijiet u rrinunzja ghalih fil-kaz tat-tielet stqarrija, ghogbu jaghti dawk l-istqarrijiet, mhuwiex xieraq li issa r-rikorrenti jipprova jinqeda b'dawn il-proceduri biex jipprova jhassar l-istqarrijiet li huwa stess ghazel li jaghti b'mod hieles wara li sahansitra kellem avukat minn qabel.

Dejjem f'dan il-kuntest l-esponenti ma jaqblux mar-rikorrent li huwa kellu jkollu d-dritt ta' avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet tieghu. Fil-fehma tal-esponenti huwa bizzejjed li r-rikorrenti jkollu zccess ghal tali parir qabel joghod ghall-interrogazzjoni.

Fl-ahharnett, ir-rikorrenti lanqas m'ghandu ragun jinvoka l-artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem biex jiehu d-danni ghaliex dan l-artikolu japplika biss ghall-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux ghall-Qrati Maltin. Kemm hu hekk dan l-artikolu tat-Trattat ma jifformax parti mill-ligi Maltija ghaliex mhuwiex inkluz fit-tifsira ta' "Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali" kif riprodotta fl-artikolu 2 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ma gie traspost fil-ligi domestika skond l-artikolu 3(3) tal-Kap. 304 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-ahhar zewg talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox insostenibbli.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

Semgħet lix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea meta (i) irrilaxxja stqarriji lill-Pulizija mingħajr ma kien assistit minn

avukat tal-fiduċja tiegħu, għaliex dak iż-żmien il-liġi ma kienitx tippermetti li jkunu hekk assistit u kif ukoll għaliex (ii) dakinhar illi ġie interrogat u rrilaxxja l-imsemmija stqarriji huwa ma ġiex mgħarraf dwar xi provi kellhom il-Pulizija kontrih. Konsegwentement, qiegħed jitlob lill-Qorti takkorda dawk ir-rimedji xierqa u effettivi fiċ-ċirkostanzi inkluż li l-istqarriji jiġu ddikjarati inammissibbli u kif ukoll likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens.

Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent ġie arrestat nhar is-16 ta' Marzu 2011. Dak inhar huwa rrilaxxja stqarrija fl-ufficcju tal-Ispettur, illum Kummissarju tal-Pulizija, Angelo Gafà. Dan wara li huwa ġie mogħti dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu għal siegħa qabel l-interrogatorju. Dakinhar huwa rrilaxxja stqarrija ta' sitt faċċati.

L-għada, hekk kif kien għadu taħt arrest, ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija oħra quddiem il-Kummissarju Gafà, iżda din l-istqarrija ma riedx jiffirmaha. Din id-darba qabel ma ġie interrogat huwa ma ngħatax dritt li jerġa jkellem avukat. Wara dakinhar huwa ngħata *police bail* iżda fis-17 ta' April ġie mitlub jerġa jmur għand il-Kummissarju Gafà fejn reġa ngħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tiegħu qabel jiġi interrogat. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt u l-istqarrija sussegwenti wkoll irrifjuta li jiffirmaha.

Sussegwentement, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat b'diversi reati li fi ftit kliem isarfu f'allegazzjonijiet li ffalsifika numru ta' *compliance certificates* u li hedded permezz ta' arma tan-nhar lil ċertu Robert Attard, *enforcement officer* fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar.

L-artikolu 39(1) u (6)(ċ) tal-Kostituzzjoni jaqraw hekk:

> "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tiġi irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.'*
>
> ....

*'Kull min ikun akkużat b'reat kriminali -*

*Għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;"*

Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-ewwel sub-inċiż u t-tielet paragrafu tat-tielet sub inċiż jaqraw hekk:

*"(1) Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*.

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*….*

*li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;"*

Preliminarjament, l-intimati jeċċepixxu li r-rikors huwa intempestiv stante li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom *sub judice* filwaqt li sabiex jiġi determinat kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kriminali kollu kemm hu.

Il-Qorti tirrileva li filwaqt illi huwa prinċipju assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u kemm f'dik tal-Qrati ta' Malta li d-determinazzjoni tal-eżistenza o meno ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq tinneċessita eżami tal-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità tagħha,[2] kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera, deċiż fil-11 ta' April 2011, jista' jiġri li episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-Qorti tistenna sakemm jintemm il-każ.

Fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi) vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et, deċiża fil-25 ta' Settembru 2015, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> *"Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fatturi partikolari tal-proċeduri jistgħu jkunu tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni..."*

Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70:

> "*While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall."*

Fl-imsemmi każ Il-Pulizija vs Alvin Privitera, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> "*...meta digà jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment*

---

[2] **Darren Aquilina vs Onor Prim Ministru et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Dimech vs Malta** deċiża fit-2 ta' April 2015 fost oħrajn.

> *miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju."*

Fil-fehma tal-Qorti, u fid-dawl tal-ġurisprudenza voluminuża dwar is-suġġett, meta r-rikorrent ikun qiegħed jallega vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li l-liġi ma kienitx tippermetti assistenza legali matul l-interrogazzjoni u rilaxx ta' stqarrija, ma hemmx għalfejn li din il-Qorti tistenna li l-proċeduri kriminali jiġu konklużi, meta jista' jkun tard wisq, sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk seħħx jew x'aktarx ser iseħħ ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

L-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati ser jiġu indirizzati fil-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel il-Qorti dwar il-mertu tal-każ.

Il-liġi li kienet applikabbli dak iż-żmien li sar l-arrest u ġew meħuda l-istqarriji tar-rikorrent kienet ġiet introdotta bl-Att III tal-2002 fejn permezz tagħha ġie introdott is-segwenti artikolu (ta' relevanza għall-każ odjern huwa l-ewwel subartikolu):

> *"355AT. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu."*

Għalkemm bl-Att III tal-2002 ġie introdott id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali, kien biss fis-sena 2010 li ġiet fis-seħħ (ara Avviż Legali 35 tal-2010). Qabel dakinhar, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali u ċioè waqt li ssir interrogazzjoni mill-Pulizija.

L-Att LI tal-2016 imbagħad bidel l-artikolu 355AT u l-artikolu 355AU meta introduca fil-Kodiċi Kriminali d-dritt tal-assistenza legali kif maħsub fid-direttiva 2013/48/EU. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Għalhekk, illum il-ġurnata l-artikolu 355AT tal-Kap. 9 jistipula, *inter alia*, li l-persuna suspettata jew arrestata għandu jkollha '*dritt ta' aċċess għal avukat*' u allura dan ifisser li llum, il-persuna suspettata jew arrestata għandha d-dritt għal avukat f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija.

Il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta u tal-Qorti Ewropea rigward id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija u ċioè fil-*pre-trial stage* hija vasta u wieħed jista' jgħid ukoll xi ftit jew wisq konfliġġenti fid-dawl tal-fatt illi l-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea dwar dan is-suġġett inbiddlet tul is-snin. Din il-Qorti ser tagħmel referenza estensiva għall-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Ewropea u tal-Qorti Kostituzzjonali.

Deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea hija proprju kontra Malta fil-każ ta' Farrugia v Malta, deċiża fl-4 ta' Ġunju 2019. Il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ma seħħet l-ebda leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent u dan wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "*96. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (see Salduz, cited above, § 51, and Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, § 255, 13 September 2016). The right becomes applicable as soon as there is a "criminal charge" within the meaning given to that concept by the Court's case-law and, in particular, from the time of the suspect's arrest, whether or not that person is interviewed or participates in any other investigative measure during the relevant period (see Beuze v. Belgium, [GC], no.71409/10, § 124, 9 November 2018 and Simeonovi v. Bulgaria [GC], no. 21980/04, §§ 111, 114 and 121, 12 May 2017).*
>
> *97. In Beuze, drawing from its previous case-law the Court explained the aims pursued by the right of access to a lawyer*

*(§§ 125-130) and elaborated on the content of the right of access to a lawyer reiterating, in particular, that suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview or even where there is no interview and that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (§§ 133-134).*

*98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no. 37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are*

*permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for*

*the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149)."*

L-imsemmija kawża ta' Beuze v Belgium, tad-9 ta' Novembru 2018, ġiet meqjusa wkoll fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali, tal-31 ta' Mejju 2019. F'dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll sabet li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"L-ewwel aggravju tal-attur huwa msejjes fuq l-argument illi:*

*»... ... ... gie stabbilit illi l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea«.*

*Dan, igħid l-attur, gie stabbilit f'dik li sejħilha "s-sentenza kjavi mogħtija mill-Qorti Ewropea fit-12 ta' Jannar 2016 kontra Malta fil-kawza Mario Borg v. Malta".*

*Qabel ma tikkummenta fuq il-kaz ta' Borg il-qorti tosserva illi s-Sezzjonijiet Magħquda (Grand Chamber) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet già qieset il-kwistjoni tad-dritt għall-għajnuna ta' avukat fil-kaz ta' Salduz v. It-Turkija u fil-parti relevanti qalet hekk:*

*» ... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' ..., Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction –*

*whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 ... The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.«*

*Għalkemm din is-silta tista' tagħti x'tifhem illi huwa biss meta hemm "ragunijiet impellenti" ("compelling reasons") biex ma titħalliex tingħata l-għajnuna ta' avukat illi dan in-nuqqas ma jwassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, din hija biss regola ġenerali ("as a rule"). Fil-fatt, ukoll fil-kaz ta' Salduz il-qorti, għalkemm sabet li ma kienx hemm ragunijiet impellenti biex il-persuna interrogata ma titħalliex tkellem avukat, madankollu xorta qieset jekk, meqjus kollox, il-process kienx wieħed gust, għalkemm fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz sabet li ma kienx. Imbagħad, fil-kaz ta' ta' Ibrahim u oħrajn v. ir-Renju Unit il-Qorti Ewropeja fis-Sezzjonijiet Magħquda kompliet tfisser illi:*

*»250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

*»251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings ... ... ...*

*»... ... ...*

*»262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention.«*

*Effettivament, dan ifisser illi l-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l- għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta giet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa certu punt anticipat din il-precizazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 in re Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali, meta osservat illi:*

*»14. ... ... ... Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi zmien ragonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. ... ... ...*

*»15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«*

*Fi kliem ieħor, trid tqis il-process fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole")*

*u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat.*

*Din kienet il-posizzjoni li baqgħet tigi segwita minn din il-qorti sakemm ingħatat is-sentenza ta' Borg imsemmija mill-attur, li kienet sentenza tar-Raba' Sezzjoni tal-Qorti Ewropea. Dik is-sentenza tgħid illi l-fatt waħdu li l-ligī ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni kien bizzejjed biex jinsab ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:*

*»61. ... ... ... indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*»62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*»63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention «*

*Fid-dawl ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali, għalkemm baqgħet temmen illi l-interpretazzjoni ta' Salduz li kienet adottat fil-każ ta' Muscat kienet dik korretta u ta' buon sens, għarfet illi wara s-sentenza ta' Borg dik il-posizzjoni ma baqgħetx tenibbli u għalhekk bidlet il-posizzjoni tagħha. Hekk, fil-kaz ta' Malcolm Said v. L-Avukat Ġenerali il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:*

*»17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-kaz ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbuzi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.*

*»18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-kaz ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.«*

*Ir-raguni izda fl-aħħar mill-aħħar tegħleb. Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-kaz ta' Beuze v. il-Belgju, biex tippreciza aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' Beuze, bħal fil-każ tallum, il-ligi domestika fiz-zmien relevanti ma kienitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u ma kien hemm ebda raguni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat. Fis-sentenza mogħtija mis-Sezzjonijiet Magħquda fid-9 ta' Novembru 2018 il-qorti qalet hekk:*

*»120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ...*

*»121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one*

*particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ...*

*»... ... ...*

*»139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case- specific decisions taken by the competent authorities.*

*»140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*

*»141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*........*

*»144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are*

*compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*»145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Ibrahim and Others, ... § 265).*

*»... ... ...*

*»147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*»148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each*

*case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.*

*»... ... ...*

*»150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):»*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.«*

*Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raguni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*

*Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull kaz, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, izjed milli precizazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolgiment ta' dik il-gurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex precizazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolgiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti ragun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-gurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħazin u huwa miċħud."*

Dan il-prinċipju huwa dak segwit fl-aktar ġurisprudenza riċenti kemm tal-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Kif proprju intqal fil-każ ta' Charles Kenneth Stephens v Malta, tal-14 ta' Jannar 2020:

*'72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a*

*lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, isegwi li l-argument tar-rikorrent li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku għaliex l-istqarrijiet ttieħdu mingħajr ma huwa kellu dritt għall-assistenza ta' avukat, huwa wieħed żbaljat. Kif sewwa jissottomettu l-intimati, mhuwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għall-smigħ xieraq.

Filwaqt illi għandu jingħad li l-intimati lanqas ma wrew li kien hemm raġunijiet tajbin sabiex iżommu lir-rikorrent milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li ttieħditlu l-istqarrija, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kinetx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi r-rikorrent, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li bil-fatt illi l-istqarriji tar-rikorrent jibqgħu fl-atti, mhijiex ser tnaqqas mill-*overall fairness* tal-proċeduri.

L-ewwenett jirriżulta mill-provi li dawn l-istqarriji mhumiex l-uniċi provi li għandu l-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tar-rikorrent. Mid-deposizzjoni tal-Kummissarju Gafà jirriżulta li l-Pulizija għandha provi konsiderevoli fil-konfront tar-rikorrent. Dawn il-provi ser jiġu evalwati minn Maġistrat u jekk jinstab ħati, ir-rikorrent jista' jappella u l-evidenza terġa' tiġi evalwata minn Imħallef.

Mhux hekk biss izda r-rikorrent ma rnexxilux juri li ġie leż jew x'aktarx ser jiġi leż d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minħabba l-fatt illi ma setax ikun assistit minn avukat meta ttieħdulu l-istqarriji. Ir-rikorrent naqas milli juri li dawn l-istqarriji qegħdin jew ser jikkompromettu serjament id-difiża u l-qagħda tiegħu matul il-proċeduri kriminali. Fuq kollox, dakinhar tat-tielet u l-aħħar stqarrija, kien ir-rikorrent li rrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat. Għal kompletezza għandu jingħad illi dakinhar illi rrilaxxja t-tieni stqarrija, ir-rikorrent ma kellu l-ebda dritt illi jitlob li qabel jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu in kwantu li l-liġi dak iż-żmien kienet tipprovdi li l-akkużat ikollu dritt li jikkonsulta ma' avukat darba waħda biss meta jiġi arrestat u mhux qabel kull interrogatorju li jsir waqt l-istess perjodu ta' arrest. Fuq kollox, seta' facilment jikkonsulta avukat waqt li kien fuq *police bail*.

Ir-rikorrent naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Ir-rikorrent ma kienx ta' età tenera meta ġie interrogat u din ma kienitx l-ewwel darba li xellef difrejh mal-ġustizzja. B'żieda ma dan, ma tirriżultax xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Tant ir-rikorrent kien qiegħed jifhem l-import tas-sitwazzjoni li kien fiha meta rrilaxxja l-istqarriji, li dakinhar illi huwa rrilaxxja l-ewwel stqarrija, huwa ċaħad bil-qawwa l-akkużi kollha li saru kontrih u meta rrilaxxja it-tieni u t-tielet stqarrija, huwa rrifjuta illi jiffirmahom. Dawn il-fatturi kollha ser jiġu meqjusa mill-Qorti tal-Maġistrati meta ser tiddeċiedi l-każ tiegħu flimkien mal-provi l-oħra mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża.

Din il-Qorti qiegħda tqis ukoll li r-rikorrent xehed fit-tul *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn ingħata l-opportunità li jagħti l-verżjoni tiegħu u jiddefendi ruħu bis-sħiħ mill-akkużi li qed jaffaċja inkluż, jekk ried, li jikkoreġi jew jiskarta kompletament dik il-verżjoni li kien ta lill-Pulizija meta rrilaxxja l-istqarriji

tiegħu.

Huwa rilevanti wkoll li r-rikorrent qajjem l-ilmenti tiegħu snin twal wara li bdew il-proċeduri kriminali kontrih. Fil-fatt huwa jammetti fl-affidavit li ppreżenta għal finijiet ta' dawn il-proċeduri li qed jallega ksur tad-dritt għal smigħ xieraq biss għaliex l-avukati tiegħu qalulu li l-istqarriji ttieħdulu 'b'mod illegali' u li dan l-aħħar ingħataw xi sentenzi lokali u esteri fejn stqarriji bħal tiegħu jew iddikjarati 'ħżiena.'

Ir-rikorrent jipprova jagħti l-impressjoni li ma kienx jaf dwar xhiex ġie arrestat u li għandu jitqies li kien vulnerabbli għaliex ma setax jieħu l-mediċini preskritti fost allegazzjonijiet oħra li għamel kontra l-Kummissarju Gafá u membri oħra tal-Korp. Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent ma jistax jitqies affidabbli meta quddiem din il-Qorti xehed illi lanqas biss jiftakar jekk qabel l-proċeduri kriminali *de quo* qattx ittieħdu proċeduri kriminali kontrih. Bniedem ma jinsiex li jkun tressaq il-Qorti u mixli, wisq aktar jekk ikun instab ħati ta' xi reat.

Għaldaqstant, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bil-fatt biss illi meta huwa ġie interrogat u ttieħdulu l-istqarrijiet, l-liġi ma kienitx tippermetti li jkun megħjun minn avukat.

Permezz tat-tieni lment tiegħu, fis-sottomissjonijiet finali r-rikorrent jiċċara li qed jirreferi għal ksur tad-dritt tar-'*Rule of Disclosure*' peress illi meta ġie interrogat u sussegwentement irrilaxxja l-istqarriji ma kienx għadu ġie mgħarraf dwar xi provi għandhom il-Pulizija kontrih.

Il-Qorti Ewropea tiddiskrivi d-dritt għall-*adversarial proceedings* bħala '*the opportunity for the parties to a criminal or a civil trial to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed...*' (J.J. v. Netherlands tas-27 ta' Marzu 1998). Il-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob li l-Qorti tisma' liż-żewġ naħat.

Fil-każ ta' Rowe and Davis v United Kingdom, deċiż fis-16 ta' Frar 2000, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

*"It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosection and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party... In addition Article 6(1) requires...that the prosecution authorities should disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused."*

Ir-rikorrent jorbot l-ilment tiegħu mal-fatt illi fi żmien illi ġie interrogat kien għadu ma daħalx fis-seħħ l-artikolu 534AF tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jipprovdi għall-aċċess għall-evidenza materjali kollha li tkun f'idejn il-Pulizija kemm favur u kemm kontra l-persuna suspettata jew akkużata.

Madanakollu, dan l-artikolu ma jagħtix dritt lill-persuna suspettata li tingħata din l-evidenza kollha qabel ma tkun għadha biss tressqet quddiem il-Qorti mixlija b'xi reat.

L-ewwel sub-inċiż jitkellem dwar '*kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni*.' Ir-rikorrent mhux jallega li kien hemm nuqqas ta' *disclosure* ta' evidenza f'dan is-sens.

Imbagħad, skont it-tieni u tielet sub-inċiż:

*"(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom*.

*(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju*

*effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom."*

Isegwi għalhekk illi lanqas illum ma hemm l-ebda liġi li tgħid illi l-persuna suspettata jew akkużata għandha dritt għall-evidenza materjali kollha f'idejn il-Pulizija qabel ma tiġi interrogata.

Fl-aħħar mill-aħħar, ir-rikorrent ma weriex li ġie mċaħħad minn xi tagħrif li kellha l-Pulizija dwar il-każ u għalhekk mhux biss ma jistax jgħid illi kien hemm irregolarità proċedurali hekk gravi li, meqjus il-proċess kollu, ċaħħditu minn smigħ xieraq, iżda wkoll ma jistax igħid illi kien hemm dik l-irregolarità.

Isegwi li r-rikorrent ma weriex li sofra xi preġudizzju gravi bil-fatt illi dakinhar illi huwa rrilaxxja l-istqarriji kien għadu ma jafx xi provi għandhom il-Pulizija kontrih. Fuq kollox, huwa għad għandu d-dritt li jikkontrolla dik il-prova billi jippreżenta prova kuntrarja u li jagħmel mistoqsijiet in kontro-eżami.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll għal dak li jgħidu l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Human Rights, Tieni Ed., paġna 202 u 204:

*"Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of 'actual prejudice' to the applicant. This is the case in the application of the residual 'fair hearing' guarantee in Article 6[1] [fn. 5, See below, p 246. Thus in a 'fair hearing' case, 'where the procedural flaw is not central to the notion of a fair hearing … a violation will be registered if the shortcoming in question caused actual prejudice to the defence': Harper v UK No 11229/84, 1986 unreported, quoted in Stavros, p 44].*

*...*

*In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be*

*decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighted by other aspects of the hearing [fn. 8 See eg, Stanford vs UKA 282-A [1994]] or that is rectified on appeal [fn. 9 See eg, Edwards vs UK A 247-B [1992]; 15 EHRR 417] will not involve a breach of Article 6."*

Finalment, dwar il-proċeduri kriminali, il-Qorti ser iżżid tgħid li ma jirriżultax li dawn ġew imtappna minn xi vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq għaliex ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunità kollha li jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr l-ebda xkiel.  Fil-fatt:

a. Il-proċeduri kollha qed jinżammu u ser jiġu determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali;

b. L-imputat għandu aċċess miftuħ għall-Qorti;

c. Is-smigħ kollu qiegħed ikun kondott fil-presenza tiegħu;

d. Il-prosekuzzjoni ma għandha l-ebda vantaġġ proċedurali fuq l-imputat bi ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms*;

e. Ir-rikorrent huwa megħjun minn avukat ta' fiduċja tul il-proċeduri kollha; u

f. Ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG